Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) V. ALAEDDIN HALBIE (K.I. 35069A)

(PRESKRIZZJONI TAL-IMPUTAZZJONI DWAR UŻU TA' VETTURA MINGĦAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI – KAP. 104 ART. 3(1),(3) – SEWQAN MINGĦAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Jannar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Alaeddin Halbie, detentur tal-karta tal-identita' numru 35069A ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Avukat Dr. Matthew Xuereb
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Michela Spiteri,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija inizjalment ressqet lill-Imputat bl-imputazzjoni illi:

   'fid-9 ta' Frar 2017  għall-ħabta ta' 4:26pm fil-waqt li kien qiegħed isuq vettura TOYOTA bin-numru ta' reġistrazzjoni ACF 589, ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun, uża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))'

2. Sussegwentement permezz ta' korrezzjonijiet li ġew awtorizzati mill-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-13 ta' Marzu 2018, l-imputat ġie mixli bis-segwenti imputazzjonijiet:

    a. talli fid-9 ta' Frar 2017 għall-ħabta ta' 4:26pm fil-waqt li kien qiegħed isuq vettura FORD bin-numru ta' reġistrazzjoni ACF 584, ġewwa Triq Nazzjonali, Hamrun, uża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))

    b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))

3. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq,

**L-ewwel imputazzjoni - preskrizzjoni**

4. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni d-difiża tisħaq li hija preskritta. Ai termini tal-Art. 3(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta:

    '3(3). Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –

    (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew

    (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,

    skond liema żmien minnhom ikun l-itwal.'

5. Il-komparixxi oriġinali li nħarġet lill-imputat u li ġie notifikat biha fid-29 ta' Lulju 2017 (ossia' tlett ijiem wara li saret il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali) kien fiha imputazzjoni waħda u ċioe dik taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġara fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2018 il-Prosekuzzjoni talbet li jsiru żewġ korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni u ċioe: (i) illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura jinbidel minn ACF589 Toyota għal ACF584 Ford u, (ii) li tiżdied imputazzjoni oħra fis-sens illi l-imputat saq l-imsemmija vettura mingħajr ma' din kellha l-liċenzja. Il-

Qorti laqgħet dawn iż-żewġ talbiet u ordnat illi l-atti kif korretti jerġgħu joħorġu għan-notifika.

6. Il-komparixxi kif korretta ġiet notifikata lill-imputat fid-19 ta' Mejju 2018 u ċioe tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali. Dan ifisser li kien hemm trapass ta' iżjed minn sena u tlett xhur bejn id-data tal-allegat reat u d-data tan-notifika tal-komparixxi.

7. Ta' rilevanza hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fid-9 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Miriam Gravina</u>** (per V. DeGaetano J.) fejn gie ritenut li:

   "*biex f' cirkostanzi analogi tirmexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni , irid ikun il-kaz li bil-korrezzjoni mitluba w akkordata l-fatti imputati lill-appellat (appellanti f' dak il-kaz) iridu jkunu qeghdin b' xi mod jimbidlu w ma jridx ikun xi kaz ta' lapsus calami bhal per ezempju, kif gara f' dak il-kaz, fejn l-isem tal-vittma minnflok "Daniel" inkiteb "Daniela" u ghalhekk kienet intalbet il-korrezzjoni opportuna. F'kazijiet ta' korrezzjoni ta' xi zball simili , dik il- Qorti osservat li l-korrezzjoni setghet anki ntalbet u ntlaqghet wara li jkunu bdew jinstemghu l-provi w l-imputat lanqas ikun intitolat ghal xi differiment biex tiġi notifikata mill-gdid bl-imputazzjoni, peress li l-imputazzjoni tkun baqghet sostanzjalment l-istess u b'tali korrezzjoni l-imputat ma jkunx gie pregudikat b'ebda mod fid-difiza tieghu . "Arguendo a contrario sensu", fejn allura it-tibdil mitlub ikun ser ibiddel il-pozizzjoni sostanzjalment, allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tirnexxi*"

8. F'dan il-każ, il-korrezzjonijiet mitluba mill-Prosekuzzjoni u li ġew akkordati mill-Qorti kienu tali illi ma' jistgħux jissejjħu marġinali peress illi mhux biss żdiedet imputazzjoni oħra iżda inoltre sar tibdil fl-identifikazzjoni tal-vettura li allegatament kienet qed tinstaq mill-imputat, tibdil li waħdu jaf ifisser id-differenza bejn ħtija u liberatorja fi proċeduri ta' dawn ix-xorta.

9. Għaldaqstant il-Qorti taqbel pjenament illi l-ewwel imputazzjoni hija preskritta bit-trapass taż-żmien.

**It-tieni imputazzjoni – sewqan mingħajr liċenzja**

10. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni d-difiża targumenta illi l-Prosekuzzjoni ma' rnexxilhiex tipprova s-sewqan min-naħa tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni min-naħa

tagħha tisħaq illi prova tas-sewqan toħroġ mill-istqarrija li l-imputat ta' lill-warden fid-data tal-inċident in kwistjoni.

11. Hadd mix-xhieda prodotti f'din il-kawża ma' ra l-inċident b'għajnejh. **Johanna George**, sid il-vettura Toyota Yaris JOH258 li sofriet ħsarat fl-inċident in kwistjoni xehdet illi hija kienet qegħda xogħol ġewwa Gattard House, Blata l-Bajda, meta daħlu jgħidulha illi xi ħadd kien daħal bil-karozza tiegħu fil-karozza tagħha. Meta ħarġet mill-post setgħat tikkonferma dan b'għajnejha stess. Ma' kien hemm ħadd fil-karozza li daħlet f'tagħha. Xehdet illi s-sid tal-vettura l-oħra ħareġ minn Gattard House stess fejn kien qiegħed jinqeda. It-tnejn li huma ffirmaw il-front-to-rear form u taw il-verżjonijiet tagħhom lill-warden li ġie fuq il-post. Fl-awla hija għarfet lill-imputat bħala sid il-vettura.

12. L-imputat Alaeddin Halbie ma' xehedx f'din il-kawża kif kellu kull dritt jagħmel. Il-Prosekuzzjoni ressqet l-argument illi fl-istqarrija tiegħu lill-warden l-imputat effettivament ammetta li kien hu li kien qiegħed isuq il-vettura. Il-Qorti ma' taqbilx. Minn din l-istqarrija (fol. 42) li tinsab fit-Traffic Accident Report ippreżentat minn **Warden 147 Ronnie Azzopardi** bil-ġurament tiegħu, joħroġ illi kull ma' qal l-imputat kien illi: "*My van went down on its own and crashed into vehicle JOH258*".

13. Il-Qorti tinsab konvinta illi effettivament il-vettura ACF584 Ford verament ma' kienetx qed tinstaq fil-mument li daħlet fil-vettura l-oħra u dan peress illi tali verżjoni hija ukoll konsistenti ma' dak li xehdet Johanna George.

14. Il-Qorti għandha ukoll provi biżżejjed illi l-vettura ACF584 Ford ma' kienetx liċenzjata (għalkemm anke hawnhekk il-Prosekuzzjoni ma' ressqitx l-aħjar prova billi straħet biss fuq ix-xhieda tal-warden u għażlet li ma' tressaqx lir-rappreżentant tad-Direttur ta' Transport Malta). Issa wieħed jista' jassumi, imma mhux jiddeduċi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, illi l-vettura tal-imputat kienet effettivament instaqet lejn il-post fejn kienet ipparkjata mill-imputat stess ġaladarba dan kien fil-viċinanzi tagħha u jiġi sid l-istess vettura. Fil-kamp kriminali però xejn ma' jista' jiġi assunt u l-Qorti għalkemm temmen li iżjed iva milli le kien l-imputat illi saq il-vettura qabel ma' seħħ l-inċident in kwistjoni, madanakollu m'għandiex dak il-konvinċiment morali meħtieġ biex issib ħtija. Wara kollox, m'huwiex eskluż illi seta' kien ħaddieħor illi saq lill-imputat lejn il-post fejn seħħ l-inċident.

15. Ikkunsidrat illi għalhekk it-tieni imputazzjoni ma'ġietx sodisfacjentement ippruvata.

**Deċiżjoni**

16. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta, qegħda tillibera lill-imputat Alaeddin Halbie mit-tieni imputazzjoni u konsegwentement minn kull imputazzjoni u ħtija**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | g/Dep. Reġistratur |